



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 80/23

Il-Lussemburgu, 17 ta' Mejju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-176/22 | BK u ZhP (Sospensjoni parzjali tal-proċedura fil-kawża prinċipali)

Talba għal deċiżjoni preliminari indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprekludix lill-qorti tar-rinviju milli tkompli parzjalment il-proċedura fil-kawża prinċipali

Il-qorti tar-rinviju tista' twettaq atti proċedurali li hija tqis li huma neċessarji, bħall-ġbir ta' provi, u li ma jipprekludux li hija tikkonforma ruħha mar-risposta sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Bulgaru akkuża lil żewġ investigaturi tal-pulizija b'korruzzjoni. (5) Wieħed minnhom ikkontesta l-klassifikazzjoni ġuridika ta' korruzzjoni mogħtija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Il-qorti Bulgara adita bl-atti ta' akkuża staqsiet dwar is-setgħa tagħha li tikklassifika mill-ġdid il-ksur inkwistjoni mingħajr ma tinforma b'dan, minn qabel, lill-persuna akkużata. Huwa f'dan ir-rigward li hija mbagħad indirizzat l-(ewwel) talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din it-talba hija s-suġġett ta' kawża oħra għajr dik preżenti, u dik il-kawża l-oħra għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ¹. (6)

Il-qorti Bulgara staqsiet, sussegwentement, jekk għandhiex tissospendi kompletament il-proċedura, sal-ġhoti tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew jekk tistax tkompli teżamina l-kawża u, b'mod partikolari, tkompli tiġbor provi, filwaqt li huwa aċċettat li ma hijiex ser tiegħu deċiżjoni fuq il-mertu qabel ma tkun irċeviet l-imsemmija risposta. (9, 10, 14) Għaldaqstant, hija bagħtet it-tieni talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara din il-kwistjoni l-oħra. (15)

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal dan li **d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li qorti nazzjonali li tkun ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tissospendi l-proċedura fil-kawża prinċipali biss fir-rigward tal-aspetti ta' din il-proċedura li jistgħu jiġu affettwati mir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal din it-talba.** (32)

Fil-fatt, il-ħarsien tal-effett utli tal-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jsirx impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli minn regola nazzjonali li tippermetti, bejn id-data tat-talba għal deċiżjoni preliminari u dik tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja, li titkompla l-proċedura fil-kawża prinċipali sabiex jitwettqu ċerti atti proċedurali. Dawn huma atti li l-qorti tar-rinviju tqis li huma neċessarji u li jirrigwardaw aspetti mhux marbuta mad-domandi preliminari magħmula, jiġifieri atti proċedurali li ma humiex ta' natura li jipprekludu lill-qorti tar-rinviju milli tikkonforma ruħha, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, mar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja. (28)

Peress li talba għal deċiżjoni preliminari tista' tiġi indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja anki fi stadju bikri tal-proċedura fil-

¹ Il-kawża pendenti [C-175/22](#) BK (Klassifikazzjoni mill-ġdid tal-ksur). Din tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), u tad-dritt fundamentali ta' aċċess għal qorti imparzjali stabbilit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. (6)

kawża prinċipali, il-qorti tar-rinvju għandha tkun tista', fl-istennija tar-risposta għal din id-domanda, tkompli din il-proċedura għal tali atti proċedurali. (30)

NOTA: Ir-rinvju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

